# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-8 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 274/2011 SM**

**Louis u Maryanne konjugi Bonavia**
**(Karta tal-Identita` Numru 209557M**
**u 625654M, rispettivament)**

**vs.**

**John Bonello, Nicola Gambino u**
**Atlas Insurance PCC Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi waqt li fil-25 ta' Mejju, 2009, ir-rikorrenti Louis Bonavia kien il-bahar fl-imhawi ta' San Blas, limiti tan-

Nadur, Ghawdex, kien milqut minn *speedboat* bin-numru S-13621, proprjeta` u misjuqa mill-intimati Bonello u Gambino fuq indikati, jew min minnhom, u assigurata mill-istess socjeta` intimata, taht polza indikata fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

1.2. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament rizultat tan-negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti marittimi *daparti* tal-imsemmija intimati Bonello u Gambino, jew min minnhom;

1.3. Illi rizultat tal-istess incident ir-rikorrenti Louis Bonavia sofra danni serji li wasslu ghal dizabilita` fizika u psikologika;

1.4. Illi *nonostante* li interpellati biex jillikwidaw u jhallsu d-danni riskontrati, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimati fuq indikati huma unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;

1.5.2. Tiddikjara li konsegwenza tal-istess, l-intimat Louis Bonavia sofra danni rizultanti f'dizabilita` permanenti;

1.5.3. Tillikwida d-danni involuti, kemm *damnun emergens* kif *lucrum cessans* sofferti mill-istess intimat in kwistjoni, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

1.5.4. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* biex ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.5.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat l-ordni procedurali ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-25 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu tat l-indikazzjonijiet taghha procedurali hemm elenkati, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` assigurattrici intimata fuq indikata datata l-15 t'April, 2011, li permezz taghha irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi preliminarjament qed jigi sottolineat is-segwenti:

3.1.1. Illi mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3.1.2. Illi l-polza rigward l-i*speedboat* in dizamina tillimita s-sewqan taghha ghall-kunducent awtorizzat, f'dan il-kaz Clive Camilleri biss, (ara foll 20);

3.1.2.i. Illi l-intimat Nicola Gambino kien eskluz milli jsuq l-istess *speedboat* sakemm jottjeni l-licenzja nawtika, (ara foll 13);

3.1.2.ii. Illi l-intimat John Bonello li kien qed isuq l-i*speedboat* in kwistjoni meta sehh l-incident in dizamina ma kienx debitament awtorizzat isuq l-istess skont l-imsemmija polza assikurattiva;

3.1.2.iii. Illi rizultat tas-suespost, jirrizulta li fil-fatti fuq elenkati, ma jirrizulta li kien hemm l-ebda kopertura assikurattiva;

3.1.3. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax tigi ikkundannata taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti;

3.2. Illi fil-mertu:

3.2.1. Ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tal-allegazzjonijiet taghhom;

3.2.2. Illi l-*quantum* tad-danni allegati ghandhom jigu ipprovati;

3.2.3. Illi fid-dawl tas-suespost, m'hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas ta' danni kif rikjamat mir-rikorrenti;

3.2.4. Salv risposti ulterjuri;

3.2.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Bonello u Gambino datata wkoll il-15 t'April, 2011, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:

4.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.2. Illi mhumiex responsabbli ghall-incident in dizamina;

4.3. Illi mhux minnhu li r-rikorrenti Louis Bonello sofra xi danni minhabba xi agir negligenti tal-intimati;

4.4. Illi jekk sofra danni dan hu rizultat t'agir negligenti tieghu stess;

4.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu gie mahtur l-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 23 u 24);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 t'Ottubru, 2011 li permezz tieghu innominat lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 79 u 80);

7. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat iz-17 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq indikata biex tirritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 134);

8. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jippproducu, u wara li talbu li jinghataw l-opportunita` li jittrattaw il-kaz oralment, awtorizzat lill-istess biex jaghmlu hekk fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 371);

9. Rat id-digriet sussegwenti taghha fir-rigward, datat it-8 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 375), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 382 u 383);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Louis Bonavia datata s-7 t'April, 2016, (ara foll 377), flimkien ma' dik tal-intimati Bonello u Gambino, datata s-26 ta' Mejju, 2016, (ara foll 385);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi pprezentati *in atti*;

13. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 392);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi fil-25 ta' Mejju, 2009, ir-rikorrenti u Ian Busuttil hargu bid-*dinghy* jew *Rigid Inflatable Boat,* biex jistadu bin-nifs taht wicc il-bahar, (ara foll 60, 68 u 145);

14.2. Illi biex jaghmlu hekk huma telqu mill-Marfa u marru San Blas, limiti tan-Nadur, Ghawdex, (ara foll 60, 68 u 145);

14.3. Illi kemm ir-rikorrenti Bonavia kif ukoll siehbu Busuttil, kienu libsin libsa tal-bahar jew *"wet suit"*, (ara foll 60 u 146);

14.4. Illi r-rikorrenti Bonavia u siehbu kienu qed jghoddsu aktar minn tliet mitt (300) metru 'l boghod mill-kosta, (ara foll 146);

14.5. Illi meta r-rikorrenti kien madwar hamsa u ghoxrin (25) jew tletin (30) metru 'l boghod mid-*dinghy* in dizamina giet l-i*speedboat* misjuqa mill-intimat John Bonello u laqtet lill-istess Bonavia u konsegwenza tal-istess impatt, inqatet barra il-pala tas-sieq ix-xellugija ta' Bonavia, (ara foll 61 u 146);

14.6. Illi waqt li r-rikorrenti u siehbu Busuttil kienu qed jghoddsu, ghalkemm kellhom tliet (3) *"markers"* fid-*dinghy* taghhom biex jindikaw fejn wiehed ikun qieghed joghdos, dawn il-*"markers"* ma gewx minnhom uzati, (ara foll 146 u 356);

14.7. Illi meta r-rikorrenti Bonavia kien mistoqsi jekk kienx hemm raguni ghaliex hu u l-kollega tieghu m'uzawx il-"*buoy markers"* minkejja li maghhom fid-*dinghi* kellhom tlieta (3), ir-rikorrenti Bonavia m'gharafx jispjega din l-anomalija gravi, (ara foll 357);

14.8. Illi kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta, ir-rikorrenti Bonavia allura sofra *"traumatic amputation"* ta' saqajh ix-xellugija meta intlaqat mill-"*propeller*" tal-i*speedboat* misjuqa mill-intimat Bonello, (ara foll 97);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali involuti biex tigi akkoltata r-responsabbilita` ghall-incident in dizamina, jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi ghal din il-fini ssir referenza ghad-direzzjoni statutorja naxxenti mill-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li sintetikament jistabbilixxu s-segwenti:

15.1.1. Illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li jikkaguna;

15.1.2. Illi hu responsabbli ghall-hsarat minnu ikkagunati kull min ma juzax il-prudenza, d-deligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja fl-ghemil tieghu;

15.1.3. Illi fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, hadd ma jwiegeb ghall-hsara ikkagunata minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew nuqqas ta' hsieb fi grad akbar;

15.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs. Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks*** datata d-***9 ta' Dicembru, 2002***, fejn il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** sosstniet is-segwenti:

> "F'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita` ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-qorti ghalhekk jehtigilha tezamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur jiddisimpenjax ruhhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox, u fl-ewwel lok, irnexxilux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut *nomine*";

Ikkunsidrat:

16. Illi in vista tal-principji su indikati jinhtieg li issa jigi deciz jekk tirrizultax negligenza jew imprudenza daparti tal-intimat John Bonello meta dan irrizulta li fil-hin tal-incident *de quo* kien hu li kien qieghed isuq l-i*speedboat* in dizamina li ikkawza d-dannu lir-rikorrenti;

17.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi l-post fejn sehh l-incident in dizamina jirrizulta li kien madwar elf u tliet mitt (1,300) metru ’l boghod mill-bajja ta’ San Blas, limiti tan-Nadur, Ghawdex, (ara foll 218), ghalkemm fl-inkjesta magisterjali kien stabbilit li dan sehh tliet mitt (300) metru ’l boghod mill-istess bajja, (ara foll 164);

17.2. Illi l-i*speedboat* in dizamina kienet qed tigi misjuqa b’velocita` baxxa hafna, (ara foll 142);

17.3. Illi l-istess rikorrenti jghid li kien madwar tletin (30) metru ’l boghod mid-dinghy tieghu meta sehh l-incident *de quo*, (ara foll 60);

17.4. Illi r-rikorrenti kien qieghed joghdos liebes *wet suit* u ma kellux bagi jew bandiera li permezz taghhom jidentifikaw li kien qieghed joghdos, (ara foll 146, 356 u 357);

17.5. Illi l-espert legali nominat fl-inkjesta magisterjali in dizamina issosstni s-segwenti:

> “... huwa krucjali li wiehed jinnota li l-i*speedboat* ma kienitx qed tinstaq f’xi bajja jew *“swimmers’ zone”* stabbilita mill-Awtorita` Marittima ta’ Malta jew zona ohra riservata. Anzi kienet qed tinstaq hafna ’l barra mill-bajja ta’ San Blas”, (ara foll 198)

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fil-konkluzjonijiet tieghu l-abbli Magistrat Inkwirenti wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

18.1. Illi l-kawza determinanti ghall-incident in kwistjoni ma kienx is-sewqan tal-intimat Bonello, (ara foll 147);

18.2. Illi l-incident sehh tort u thija tal-fatt li r-rikorrenti Louis Bonavia u siehbu Ian Busuttil kienu qed joghdsu f’bahar miftuh minghajr ma kellhom sinjali, (ara foll 147);

18.3. Illi l-agir tal-intimat Bonello li kien qed isuq l-i*speedboat* li laqtet lil Bonavia ma jirrizultax li kien negligenti, (ara foll 147);

Ikkunsidrat:

19.0. Illi jigi sottolineat li ghalkemm il-proceduri naxxenti mill-inkjesta *de quo* huma ghal kollox distinti u separati mill-procedura odjerna, jinghad li la darba l-elementi fattwali huma identici l-konkluzjonijiet hemm indikati jkomplu jsahhu l-konvinciment ta' din il-qorti li minhabba n-nuqqasijiet fuq elenkati, hu effettivament l-istess rikorrenti Louis Bonavia li jahti ghall-incident li fih hu stess korra gravament, u dan ghaliex:

19.1. Naqas li jkollu sinjali vizibli biex jidentifikawh;

19.2. Abbuza ghalhekk mill-esperjenza ta' snin twal t'esperjenza li jsosstni li ghandu bhala ghaddas, (ara foll 60);

19.3. Illi ghalkemm jammetti li kien jaf li f'dawn ic-cirkostanzi hu kellu jkollu l-*"buoy"* u l-bandiera marbuta mieghu, xorta mar joghdos f'dik id-distanza mill-art minghajrhom, u ma kienx jaf jaghti l-ebda raguni ghall-fatt li *nonostante* li kellu tliet (3) *"buoy markers"* xorta ma intuza xejn minnhom, (ara foll 357);

Ikkunsidrat:

20. Illi l-fatt li wiehed johrog joghdos fil-bahar miftuh, u *nonostante* li hu konxju tal-htiega li jkollu sinjal f'wicc il-bahar biex ikun vizibbli minn sewwieqa t'ingenji tal-bahar, u xorta jinzel joghdos minghajr l-istess ikun hu stess li qieghed jattira l-periklu fil-konfront tieghu;

21. Illi *di piu`*, fil-hin tal-incident in dizamina l-istess rikorrenti jsosstni li kien madwar tletin (30) metru 'l boghod mid-*dinghy*, (ara foll 94) – liema distanza ma tistax titqies li tista` tigi ikkwalifikata bhala vicin l-istess *dinghy*;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi kif sosstni l-Magistrat Inkwirenti, l-kawza determinanti ghall-incident *de quo* ma kienx is-sewqan tal-intimat Bonello;

22.2. Illi l-incident *de quo* sehh ghaliex waqt li r-rikorrenti kien qed joghdos 'l boghod mix-xatt, ma kellux il-*"buoy markers"* biex jidentifkawh;

22.3. Illi mill-assjem tal-provi riskontrati, ma jirrizultax li l-intimat Bonello kien qieghed isuq b'mod eccessiv kif isosstni l-istess rikorrenti, (ara foll 61 u 68);

22.4. Illi *nonostante cio*`, jigi sottolineat li fid-distanza mill-bajja fejn sehh l-incident in dizamina ma japplika l-ebda limitu ta' velocita`;

22.5. Illi ghalhekk, in vista tar-rizultanzi fuq esposti, l-intimat Bonello ma setghax jipprevedi li kien ha jkun hemm ghaddas fil-bahar fejn sehh l-incident;

22.6. Illi tenut kont tal-istess, lanqas jirrizulta li kien mistenni minn Bonello li f'dawn ic-cirkostanzi f'dak il-bahar miftuh, kien ser jara ghaddas liebes *wet suit* minghajr *"marker buoy"*;

Ikkonsidrat:

23.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi konvinta li ghall-incident in dizamina hu biss ir-rikorrenti Louis Bonavia li hu responsabbli ghall-istess billi:

23.1. Kien qieghed joghdos f'bahar miftuh minghajr *"marker buoy"* kontra r-regolamenti marittimi, u minghajr ghall-anqas ma kien hdejn id-*"dinghy"*;

23.2. Illi ghalhekk l-istess rikorrenti ma kienx wisq vizibbli anke minhabba l-fatt li kien liebes *wet suit* skura;

24. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti Bonavia wera imprudenza, nuqqas ta' hsieb, u traskuragni meta mar joghdos f'bahar fil-miftuh, f'distanza mbeghda mill-kosta, u minghajr materjal li jindika sew il-posizzjoni tieghu fl-ilma lil terzi;

25. Illi ghalhekk hu l-istess rikorrenti Bonavia li *nonostante* l-esperjenza vasta minnu vantata fir-rigward, injora kompletament ir-regoli ta' sigurta` fil-bahar;

**DECIDE:**

26.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma irnexxilhomx jippruvaw it-talbiet minnhom imresqa, u konsegwentement:

26.1. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

26.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

26.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**